MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 50/2009

**Charles Grech & Co Limited.**

**-vs-**

**O'Connors Limited.**

**Il-Qorti:**

**Rat** ir-rikors guramentat ta' Charles Grech & Co. Ltd ("ir-rikorrenti") presentat fid-19 ta' Jannar 2009 fejn jinghad hekk:-

"Illi permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Marzu 2002 is-socjeta' intimata giet kanonizzata bhala debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma ta' €12,705.93 *oltre* l-imghaxijiet mit-13 ta' Marzu 2001 (sat-13 ta' Jannar 2009 ammontanti ghal €7962.38) u *oltre* l-ispejjez legali, kif jirrizulta mill-kopja tas-sentenza hawn annessa bhala Dok. "A";

Illi fit-30 ta’ Novembru 2007, is-socjeta’ esponenti ntavolat mandat ta’ sekwestru esekuttiv kontra s-socjeta’ intimata kif jirrizulta minn kopja tal-istess mandat hawn anness bhala Dok. B. Dan il-mandat kien in esekuzzjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija.

Illi dan il-mandat ta’ qbid gie fil-fatt debitament esegwit iktar minn 24 gimgha ilu.

Illi *ai termini* tal-Artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Kap. 386, il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tordna x-xoljiment ta’ socjeta’ jekk tali socjeta’ ma hijiex f’posizzjoni li thallas id-djun taghha.

Illi *ai termini* tal-Artikolu 214 (5) tal-istess Kap. 386, socjeta’ hija meqjusa li ma hijiex f’posizzjoni li thallas id-djun taghha jekk debitu tas-socjeta’ jibqa’ ma jigix imhallas fi zmien 24 gimgha minn meta jkun gie esegwit mandat esekuttiv kontra s-socjeta’.

Illi fil-fatt ghalkemm il-mandat mahrug mis-socjeta’ rikorrenti ilu li gie esegwit iktar minn 24 gimgha, baqa’ ma sar ebda pagament mis-socjeta’ ntimata.

Ghaldaqstant is-socjeta’ esponenti titlob li s-socjeta’ ntimata O’Connors Limited (C26692) tigi xolta minn din il-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Kap. 386.”

**Rat** id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrenti flimkien mal-istess rikors.

**Rat** ir-risposta tas-socjeta’ O’Connors Limited (“l-intimata”) presentata fit-2 ta’ Gunju 2009 fejn jinghad hekk:-

“1. ILLI s-socjeta’ esponenti hija *dormant*, u ilha hafna zmien li waqfet minn kull attivita’, u m’ghandhiex kredituri u lanqas assi (hlief forsi ghal xi affarijiet ta’ natura amministrattiva); qatt ma ordnat merkanzija minghand is-socjeta’ rikorrenti u qatt ma kellha ebda relazzjoni maghha;

2. ILLI s-socjeta’ rikorrenti jidher li mhijiex kreditrici tas-socjeta’ esponenti imma ta’ O’Connors (Malta) Limited, (C-24316). Billi kienet din il-kumpanija li kellha x’taqsam ma ‘negozju relatat mal-generu ta’ merkanzija tas-socjeta’ rikorrenti, u mhux il-kumpanija esponenti;

3. ILLI carat dan is-socjeta’ esponenti m’ghandhiex oggezzjoni li tigi xjolta, u anzi r-rikorrenti jkunu qeghdin jaghmlu pjacir kbir lill-azzjonisti tas-socjeta’ esponenti jekk ixoljuha a spejjez taghhom; hassew biss li ghandhom jinfurmaw lis-socjeta’ rikorrenti bl-izball taghha, b’lealta’ lejn il-Qorti u lejn kollega li ma jimmeritax li jithalla jaghzaq fl-ilma.

Tant sabiex is-socjeta’ rikorrenti tirregola ruhha.”

**Semghet** id-difensur tar-rikorrenti fl-udjenza tal-kawza tat-18 ta’ Gunju 2009 li l-kreditur tar-rikorrenti kontra l-intimata ghadu dovut u li xejn minnu ma thallas.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-18 ta’ Gunju 2009 fejn il-kawza thalliet ghall-provvediment ghal-lum.

**<u>Ikkunsidrat</u>**:-

Din hija kawza fejn qed issir talba lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-intimata skond l-<u>Art.214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta’ Malta</u>.

It-talba qed issir mir-rikorrenti bhala kreditur.

Fil-paragrafu (a) tal-subartiklu (2) tal-Art. 214, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti <u>tista’</u> xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

F’dan il-kuntest, ir-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq is-subinciz (ii) tal-paragrafu (a).

Is-subinciz (ii) ighid li kumpannija tista' tigi xjolta u stalcjata mill-Qorti "… jekk il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha."

Art. 214(5) jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-Art. 214(2)(a)(ii). Is-subartikolu (5) ghandu zewg subparagrafi.

Is-subparagrafu (a) huwa dak rilevanti ghall-mertu ta' din il-kawza u jghid hekk –

"*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti* ezekuttivi *msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."*

Ir-rikors kien konfermat bil-gurament minn Deandra Zammit bhala rappresentant tar-rikorrenti. Mill-atti li jaghmlu parti mill-process jirrizulta hekk –

1) Ir-rikorrenti kienet dikjarata kreditrici tal-intimata permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta' Marzu 2002 (DOK A) [*fol*.2].

2) Din is-sentenza ghaddiet in gudikat tant li fl-4 ta' Dicembru 2007 ir-rikorrenti ppresentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-intimata (DOK B) [fol.3]. Jirrizulta mit-*tergo* tad-DOK B li l-att ezekuttiv kien notifikat lis-sekwestratarji fl-20 ta' Dicembru 2007 u lill-intimata fil-21 ta' Dicembru 2007.

3) Mill-konferma tar-rikors bil-gurament ta' Deandra Zammit [*fol*. 1] jirrizulta li sad-19 ta' Jannar 2009 il-kreditu kienu ghadu pendenti kollu kemm hu.

4) Mid-dikjarazzjoni li saret fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2009 mid-difensur tar-rikorrenti, jirrizulta wkoll li l-kreditu ghadu pendenti fl-intier tieghu.

5) Il-fatti mressqa mir-rikorrenti mhux kontradetti.

6) Dak li l-intimata tallega fir-risposta dwar il-kreditu “*ut sic*” ma jirrizultax lanqas *prima facie*.

7) Fir-risposta tirrizulta ammessa mill-intimata stess il-htiega tax-xoljiment u stralc taghha.

Din il-Qorti hija sodisfatta li rrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi ghax-xoljiment u stralc tal-intimata skont l-Art. 214(2)(a)(ii) tal-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha fuq premessi, din il-Qorti hekk tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti –**

**1. Tghid illi s-socjeta’ O’Connors Limited (C26692) ma tistax thallas id-djun taghha ghall-fini tal-Art. 214(2)(a)(ii) u Art. 214(5)(a) tal-Kap. 386.**

**2. Tordna x-xoljiment tal-intimata b’effett mil-lum kif ighid il-*proviso* tal-Art. 223(1) tal-Kap.386 u tordna wkoll l-istralc taghha.**

**3. Tahtar lill-Avukat Dottor Reuben Balzan bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art. 228 *et seq* tal-Kap. 386 b’dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita’ ta’ dawk is-setghat u dmirijiet –**

**(a) wara li jikseb dikjarazzjoni fuq il-qaghda tal-intimata kif irid l-Art. 226 tal-Kap. 386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art. 227 tal-Kap. 386.**

**(b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-intimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**(c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-intimata kif ighid u jrid l-Art. 237 tal-Kap. 386.**

**(d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-intimata.**

**(e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal- intimata.**

**(f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**L-ispejjes ta' din l-istanza thallashom l-intimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------